REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 981/2007

tal-21 ta' Awwissu 2007

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1489/2006 li jistipula r-rati ta' l-interessi applikabbli għall-kalkolu ta' l-ispejjeż ta' finanzjament tal-miżuri ta' l-intervent konsistenti fix-xiri, ħażna u d-disponibilità ta' ħażniet, għas-sena finanzjarja tal-FAEG 2007

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1883/78 tat-2 ta' Awwissu 1978 li jistabbilixxi r-regoli ġenerali għall-finanzjament ta' l-interventi mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Gwida u l-Garanzija, it-taqsima "garanzija" [1], u partikolarment l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1489/2006 [2] jistipula r-rati ta' l-interessi applikabbli għall-kalkolu ta' l-ispejjeż ta' finanzjament tal-miżuri ta' l-intervent konsistenti fix-xiri, l-ħażna u d-disponibilità ta' ħażniet, għas-sena finanzjarja tal-FAEG 2007.

(2) L-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1883/78 ġie emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 734/2007, peress li f'ċerti Stati Membri l-finanzjament ta' dawn it-tranżazzjonijiet huwa biss possibbli bl-applikazzjoni ta' rati ta' interessi sensibbilment ogħla mir-rati standard ta' interessi. Għaldaqstant ġie stipulat, b'deroga għas-sena finanzjarja 2007 u 2008, li meta r-rata medja ta' interessi aċċetata minn Stat Membru, matul it-tielet xahar wara l-perjodu ta' referenza użat biex jiġu stabbiliti r-rati standard ta' interessi mill-Kummissjoni, tkun id-doppju tar-rata standard ta' interessi, il-Kummissjoni tista', fil-kuntest ta' l-interessi ffinanzjati mill-Istat, tkopri l-ammont ikkalkolat abbażi tar-rati ta' interessi aċċetati mill-Istat Membru, wara t-tnaqqis tar-rati standard ta' interessi. Ġie wkoll stabbilit li din il-miżura kienet tapplika għall-ispejjeż magħmula mill-Istati Membri mill-1 ta' Orrubru 2006.

(3) Fid-dawl tal-komunikazzjonijiet mibgħuta mill-Istati Membri lill-Kummissjoni, għat-tielet xahar wara l-perjodu ta' referenza użata biex jiġu stabbiliti r-rati ta' interessi standard għas-sena finanzjarja 2007, jidher li Stat Membru jkun interessat minn din il-miżura l-ġdida. Jeħtieġ għalhekk li jiġu stabbiliti r-rati ta' interessi speċifiċi għal dak l-Istat Membru kkonċernat għas-sena finanzjarja 2007.

(4) Għaldaqstant, jeħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1489/2006 jiġi emendat.

(5) Peress li r-Regolament (KE) Nru 734/2007 japplika mill-1 ta' Ottubru 2006, jeħtieġ ukoll li tiġi stabbilita l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mill-istess data.

(6) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Fondi Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1489/2006, għandu jiżdied il-punt li ġej:

"(h) 4,8 %, għar-rati ta' interessi speċifiċi applikabbli għall-Ungerija."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Ottubru 2006.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 21 ta' Awwissu 2007.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 216, 5.8.1978, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 734/2007 (ĠU L 169, 29.6.2007, p. 5).
[2] ĠU L 278, 10.10.2006, p. 11.